MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1747/1999/1

***Theresa Tabnone***
***Vs***
***Tony u Rita konjugi Attard***

Illum 22 ta' Jannar 2003

Il-Qorti,

Illi b' att ta' citazzjoni prezentata fid-29 ta' Lulju 1999 l-attrici wara li **ppremettiet**: illi hija kkoncediet b' titolu ta' sub-enfitewsi temporanea ghall-perijodu ta' wiehed u ghoxrin sena b' effett mill-1 ta' Frar 1978 lil Maria Violetta Aquilina li bl-istess titolu accettat u akkwistat il-fond numru 19 gia numru 20 Triq Barth Hamrun; illi sussegwentement ghal dan l-imsemmi kuntratt, il-konvenuti accettaw u akkwistaw l-utile dominju temporanju ghaz-zmien li kien fadal minghand l-istess Maria Violetta Aquilina; illi din il-koncessjoni skadiet fil-31 ta' Jannar 1999; illi l-konvenuti

gew interpellati b' ittra ufficjali sabiex jizgombraw mill-fond fuq indikat izda dawn baqghu inadempjenti; illi l-konvenuti qeghdin jokkkupaw dan il-fond minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi; illi b' din l-okkupazzjoni illegali l-konvenuti qed jakkawzaw danni lill-attrici; talbet ghalhekk ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jizgombraw mill-fond numru 19 gia numru 20 Triq Barth Hamrun fi zmien qasir u perentorju billi qeghdin jokkupawh minghajr titolu validu fil-ligi;

2. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli tad-danni kawzati lill-attrici b' din l-okkupazzjoni illegali;

3. Tillikwida l-istess danni, okkorrendo b' opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati ghal liema huma responsabbli kif fuq inghad;

5. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-imghax kummercjali fuq l-istess mid-data sal-likwidazzjoni taghhom;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali Gunju 1999 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici u n-nota tax-xhieda taghha flimkien mal-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn, *inter alia*, u senjatament fit-tielet paragrafu eccepew in-nullita' tat-tieni, tat-tielet, taraba u tal-hames talbiet attrici *"stante li ma' hemmx tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni ta' tali talbiet u dana ai termini tal-artikolu 156 (1)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tant illi, ad ezempju l-attrici qieghedha titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida d-danni allegatament sofferti minnha minghajr biss ma spjegat fil-premessi taghha x' inhuma dawn id-danni jew f' hix jikkonsistu u per konsegwenza .." (fol.17).*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat dwar **it-tielet eccezzjoni** tal-konvenuti:

Illi din l-eccezzjoni hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 156 (1) tal-Kap.12 li fil-paragrafu (a) jiddisponi li l-att tac-citazzjoni ghandhu jkun fih tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba. Konformament il-gurisprudenza lokali tinsenja li in-natura tal-azzjoni tentata mill-attur jehtieg li tohrog car mill-premessi tat-talbiet tieghu u mit-talbiet infushom kif redatti fl-att tac-citazzjoni. Huma dawn it-termini li jarginaw il-parametri tal-azzjoni, u hu entro dawn il-parametri li din il-Qorti ghandha tillimita u tikkontjeni l-konsiderazzjonijiet taghha (Vol.LXXXII.II.799).

Illi l-konvenuti qed isostnu li rigward t-tieni talba attrici – u l-konsegwenzjali talbiet sussegwenti – ma hemmx indikat tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni taghhom. Il-Qorti ma tikkondividi xejn din it-tesi tal-konvenuti u tosserva li ghall-validita’ tat-talbiet attrici, huwa rikjest li c-citazzjoni tikkontjeni informazzjoni sufficjenti sabiex minn lettura tal-istess tkun tista tigi identifikata l-azzjoni tentata mill-attur. Fil-kaz in disamina huwa car, almenu ghal din il-Qorti, li l-azzjoni tentata mill-attrici hija principalment wahda ta’ zgumbrament mill-fond indikat, u wkoll sabiex l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli u jigu kkundannati ghal hlas tad-danni *“kawzati lill-attrici* ***b’ din l-okkupazzjoni illegali****” (emfasi tal-Qorti).*

Fil-fehma ta’ din il-Qorti t-tieni talba, u dawk sussegwenti, ghanhom il-bazi taghhom fl-okkupazzjoni illegali tal-fond pretiza mill-attrici. L-attrici qed issostni li hija qed issofri danni rizultat ta’ din l-okkupazzjoni illegali tal-konvenut, u qeda titlob lil Qorti sabiex tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghal dawn id-danni, tillikwida dawn id-danni, u tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati.

In vista tal-premess, il-Qorti thoss li hemm fatti bizzejjed fic-citazzjoni li jghatu tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talbiet attrici b’ mod li l-vot tal-imsemmi artikolu tal-ligi jinsab debitament sodisfatt.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti

Bl-ispejjez ta’ din l-eccezzjoni a kariku tal-istess konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------